Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/2016(INI)

28.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2023 u l-2024
(2025/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sandra Gómez López

PA_NonLeg

EMENDI

Il- Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill- Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, li ġejjin:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-Kummissjoni ma ppubblikatx rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE għall-2024, u b'hekk kisret prattika li ilha fis-seħħ għal aktar minn 40 sena, mill-1983;	B. billi l-Kummissjoni ma ppubblikatx rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE għall-2024, u b'hekk kisret prattika li ilha fis-seħħ għal aktar minn 40 sena, mill-1983; ***billi dan in-nuqqas ta' azzjoni huwa partikolarment ta' ħsara fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja tensjoni u instabbiltà akbar, u tinsab kompromessa wkoll minn sfidi sistemiċi għall-indipendenza ġudizzjarja f'diversi Stati Membri, u jirrikjedi viġilanza msaħħa u mhux tnaqqis fit-trasparenza;***

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI) għandu rwol importanti fil-qafas demokratiku tal-UE billi jipprovdi liċ-ċittadini mezz dirett biex iqajmu tħassib dwar ksur u nuqqasijiet potenzjali fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, u b'hekk isaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament li jiskrutinizza l-konformità u jiżgura r-responsabbiltà demokratika; billi, permezz tad-djalogu kontinwu tiegħu maċ-ċittadini, mas-soċjetà ċivili u mal-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kumitat PETI jikkontribwixxi għad-detezzjoni bikrija

tal-problemi relatati mal-implimentazzjoni u jgħin fit-tnaqqis tad-distakk fil-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet responsabbli għall-infurzar tad-dritt tal-UE;

billi d-dritt ta' petizzjoni jikkostitwixxi strument ewlieni li jippermetti lill-Parlament jagħti rispons għat-tħassib taċ-ċittadini rigward id-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE, u jipprovdi informazzjoni siewja dwar l-applikazzjoni ħażina jew il-ksur possibbli tad-dritt tal-UE fil-livell nazzjonali; billi l-petizzjonijiet ippreżentati lill-Parlament jirrappreżentaw sors importanti ta' informazzjoni dwar in-nuqqasijiet u l-lakuni fl-implimentazzjoni u fit-traspożizzjoni tad-dritt tal-UE fil-livell nazzjonali fl-oqsma ta' politika kollha, u spiss jenfasizzaw id-dewmien, in-nuqqasijiet u l-fallimenti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE f'diversi Stati Membri;

billi għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, inklużi l-protezzjoni ambjentali, is-suq intern, l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, il-kwistjonijiet ta' sigurtà pubblika relatati mal-migrazzjoni u d-drittijiet tax-xogħol, inklużi kwistjonijiet ta' remunerazzjoni u rispett għad-drittijiet tat-trade unions, u tali petizzjonijiet juru interess pubbliku qawwi fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini; billi l-petizzjonijiet spiss iqajmu tħassib dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u r-rispett għall-istat tad-dritt u d-demokrazija f'diversi Stati Membri;

billi, f'konformità mal-Artikolu 17 tat-TUE, il-Kummissjoni hija responsabbli biex tiżgura l-applikazzjoni korretta tat-Trattati u tal-miżuri adottati skonthom, u l-approċċ strateġiku tagħha għandu jiżgura segwitu effettiv u jiggarantixxi l-protezzjoni sħiħa u f'waqtha tad-drittijiet

taċ-ċittadini skont id-dritt tal-UE;

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet imressqa lill-Parlament jiffukaw fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà; billi UE aċċessibbli hija essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-UE; billi l-petizzjonijiet ikomplu jenfasizzaw l-ostakli persistenti li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabbiltà biex jaċċessaw il-prodotti, is-servizzi u l-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li juru n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-UE u l-ħtieġa ta' monitoraġġ u infurzar imsaħħa; billi fl-2023 u fl-2024 il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat opinjoni motivata lil diversi Stati Membri talli naqsu milli jittrasponu r-regoli tal-UE dwar l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi għall-persuni b'diżabbiltà skont id-Direttiva (UE) 2019/882[1a]; ***---------*** ***[1A] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).***

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi għadd dejjem jikber ta' petizzjonijiet sottomessi lill-Parlament jindirizzaw id-drittijiet u s-sikurezza tat-tfal u tal-adolexxenti f'ambjenti diġitali, b'mod partikolari r-riskji ta' abbuż u sfruttament sesswali; billi l-petizzjonijiet jikkonċernaw nuqqasijiet fil-protezzjoni tat-tfal b'mod aktar wiesa', inklużi s-sikurezza online u l-aċċess għas-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal; billi l-petizzjonanti spiss jiġbdu l-attenzjoni fuq nuqqasijiet persistenti u ksur ripetut fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, u dan juri l-ħtieġa ta' sorveljanza msaħħa u segwitu f'waqtu;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li l-petizzjonijiet li jirċievi l-Parlament jikkostitwixxu strument vitali biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, inkluż il-ksur sistemiku jew strutturali tiegħu fl-Istati Membri; jissottolinja li l-Kumitat PETI jipprovdi mezz dirett għaċ-ċittadini u għar-residenti biex jirrapportaw kwistjonijiet bħal dawn u b'hekk jikkontribwixxi għas-sorveljanza politika tal-Parlament fuq l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tqis b'mod sistematiku l-informazzjoni u l-evidenza li jirriżultaw mill-petizzjonijiet u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kumitat PETI biex tiżgura segwitu trasparenti, konsistenti u f'waqtu;

Jenfasizza li l-petizzjonijiet spiss jindikaw nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE fl-oqsma tal-istat tad-dritt u l-libertajiet ċivili li jaffettwaw liċ-ċittadini, inklużi d-diskriminazzjoni, l-aċċess mhux ugwali għall-ġustizzja u l-prattiki amministrattivi arbitrarji; jistieden lill-Kummissjoni tittratta tali petizzjonijiet bħala għodda ta' twissija bikrija u twissija ta' prijorità li jirrikjedu valutazzjoni u azzjoni fil-pront inklużi inkjesti fuq inizjattiva proprja f'sitwazzjonijiet meta l-awtoritajiet nazzjonali ma jindirizzawx b'mod adegwat l-ilmenti taċ-ċittadini;

Jenfasizza, barra minn hekk, li l-petizzjonijiet spiss jiżvelaw ukoll ostakli għall-funzjonament tas-suq intern, inklużi ostakli li jiffaċċjaw il-konsumaturi u n-negozji f'sitwazzjonijiet transfruntiera u jinnota li l-fażijiet ta' qabel il-litigazzjoni li jieħdu fit-tul f'każijiet li jinvolvu ksur tal-protezzjoni tal-konsumatur spiss iħallu lill-petizzjonanti mingħajr rimedji effettivi, u dan jimmina ċ-ċertezza legali u jdgħajjef il-fiduċja fis-suq intern; jissottolinja, b'mod partikolari, l-importanza tal-petizzjonijiet li jindirizzaw il-ksur tad-drittijiet diġitali taċ-ċittadini, bħal permezz ta' prattiki inġusti tal-pjattaformi u frodi transfruntiera online; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-petizzjonijiet li jirrapportaw ksur li jaffettwa l-erba' libertajiet fundamentali jew il-funzjonament xieraq tas-suq uniku, tanalizza b'mod sistematiku l-evidenza derivata mill-petizzjonijiet meta timmonitorja l-applikazzjoni tar-regoli rilevanti, tiżgura valutazzjoni rapida u, meta jkun xieraq, tagħti segwitu rapidu permezz tal-EU Pilot jew permezz ta' proċeduri ta' ksur meta l-petizzjonijiet jindikaw nuqqas sistemiku jew rikorrenti ta' konformità; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela f'format anonimizzat u aggregat l-għadd ta' każijiet tal-EU Pilot skattati mill-petizzjonijiet li jikkonċernaw is-suq intern u l-protezzjoni tal-konsumatur; jistenna li

	l-Kummissjoni tinvolvi ruħha fi djalogu strutturat mal-Kumitat PETI dwar il-petizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-konsumatur u s-suq intern, biex tappoġġja d-detezzjoni bikrija ta' problemi strutturali, ittejjeb it-trasparenza u tippromwovi infurzar aktar konsistenti tad-dritt tal-UE;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jinnota li għadd kbir ta' petizzjonijiet jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-UE jew il-ksur tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tinforza d-dritt tal-UE, b'mod partikolari billi żżid l-użu tal-azzjonijiet ta' ksur meta l-Istati Membri jkunu qed jonqsu milli jimplimentaw id-dritt tal-UE jew milli jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE); jissottolinja li l-infurzar effettiv jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa u strutturata bejn il-Kummissjoni, il-Kumitat PETI u, meta dan ikun rilevanti, l-Ombudsman Ewropew, sabiex jiġi żgurat l-infurzar f'waqtu, koerenti u effettiv tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiskambja b'mod sistematiku informazzjoni mal-Kumitat PETI u tagħti segwitu bil-miktub f'waqtu u dettaljat dwar il-każijiet kollha ta' allegat nuqqas ta' konformità, traspożizzjoni skorretta jew nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE mqajma bil-petizzjonijiet taċ-ċittadini, inklużi spjegazzjonijiet kull meta tiddeċiedi li ma tnedix proċeduri tal-EU Pilot jew proċedimenti ta' ksur, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' kanali oħra tal-ilmenti u tiġi promossa l-konsistenza fil-proċessi ta' infurzar kollha;

Ifakkar fil-fehma tal-Parlament li l-kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet individwali għandhom jirċievu attenzjoni xierqa skont l-istrateġija ta' infurzar tal-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura, meta dan ikun rilevanti, li din l-istrateġija tirrifletti bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar id-dritt ta' petizzjoni u tiġi aġġornata regolarment biex twieġeb għall-isfidi rikorrenti ta' implimentazzjoni u tagħti lok biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-dritt ta' petizzjoni fil-livell tal-UE;

Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE jinkludi diversi referenzi għal petizzjonijiet li wasslu għal azzjonijiet ta' segwitu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, madankollu, turi b'mod aktar ċar l-impatt tal-petizzjonijiet fuq l-azzjonijiet ta' infurzar tagħha fl-oqsma kollha ta' politika, u tipprovdi data statistika dettaljata dwar l-għadd ta' petizzjonijiet li ngħataw segwitu, inklużi dawk li wasslu għal investigazzjoni ulterjuri permezz ta' proċessi tal-EU Pilot jew proċeduri ta' ksur;

Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tat-tħassib persistenti mqajjem fil-petizzjonijiet rigward l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħha "Infurzar tad-dritt tal-UE", tiggarantixxi kemm trasparenza għolja, effikaċja, u ċarezza legali dwar il-kriterji użati biex tittieħed azzjoni formali kif ukoll aċċess pubbliku għal dokumenti u informazzjoni matul u qabel il-proċeduri ta' ksur imnedija kontra l-Istati Membri, inkluż fil-qafas tal-EU Pilot u r-rappurtar dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE sabiex jiġi żgurat fehim sħiħ tal-azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-ksur tad-dritt tal-UE; jissottolinja li tali żvelar mhuwiex

biss essenzjali biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku iżda wkoll biex jingħata lok għal eżami u segwitu xierqa tal-petizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel tali informazzjoni disponibbli f'format ċar biex tiffaċilita tqabbil sinifikattiv bejn l-Istati Membri u biex jingħata lok għal analiżi aktar profonda fid-dibattiti parlamentari dwar il-petizzjonijiet;

Jiddispjaċih li għadd sinifikanti ta' proċeduri ta' ksur, inklużi dawk marbuta ma' kwistjonijiet imqajma f'diversi petizzjonijiet, jibqgħu fil-fażi ta' qabel il-litigazzjoni għal ħafna snin; jenfasizza li l-iżgurar ta' rispons effettiv u f'waqtu għall-ksur tad-dritt tal-UE huwa essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tad-dritt tal-UE; jisħaq li dan huwa partikolarment importanti f'każijiet ta' ksur persistenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE;

Ifakkar, bħala eżempju, li l-petizzjonijiet li waslu rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati[1a], li l-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu fil-liġi nazzjonali sa Novembru 2024, juru l-konsegwenzi prattiċi tad-dewmien fit-traspożizzjoni u l-ħtieġa ta' infurzar f'waqtu u effettiv; jinnota li l-obbligu tal-implimentazzjoni fil-pront tad-direttiva huwa kkonfermat mis-sentenza tal-QĠUE tal-11 ta' Novembru 2025 fil-Kawża C-19/1b[1b];

----

*[1a] **Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj)***

*[1b] **Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-11 ta' Novembru 2025, Ir-Renju tad-Danimarka vs Il-Parlament***

Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-19/23, ECLI:EU:C:2025:865.

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma prinċipji fundamentali tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-impjiegi, l-inklużjoni u l-aċċess ugwali għall-prodotti u għas-servizzi; jissottolinja li l-persuni b'diżabbiltà huma fost iċ-ċittadini l-aktar affettwati min-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, u jisħaq fuq l-importanza li tintuża l-informazzjoni li tirriżulta mill-bosta petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament f'dan ir-rigward sabiex jiġu identifikati l-ostakli u jittejjeb l-infurzar tar-regoli tal-UE; jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tniedi proċeduri ta' ksur kontra għadd kbir ta' Stati Membri biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva (UE) 2019/882 dwar l-aċċessibbiltà fil-liġi nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-aċċessibbiltà; jilqa' l-istabbiliment tal-inizjattiva "AccessibleEU" bħala ċentru ta' appoġġ biex l-Istati Membri jiġu assistiti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-aċċessibbiltà u biex tiġi promossa applikazzjoni konsistenti madwar l-UE; ***Jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma minn ċittadini u ħaddiema mobbli tal-UE li ta' spiss jirrapportaw nuqqas ta' aċċessibbiltà, trattament inġust, aċċess imdewwem għad-drittijiet soċjali jew proċeduri amministrattivi diskriminatorji; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-petizzjonijiet biex***

tidentifika d-diskriminazzjoni strutturali u taġixxi kif xieraq;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jinnota li l-Parlament irċieva diversi petizzjonijiet li jqajmu tħassib serju dwar l-abbuż sesswali tat-tfal, b'mod partikolari online, u b'mod aktar wiesa' dwar nuqqasijiet ripetuti jew sistemiċi fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE b'rabta mal-protezzjoni tat-tfal; jenfasizza li, fl-2023, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra 16-il Stat Membru minħabba traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva 2011/93/UE[1a] dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u minnhom ingħalqu biss żewġ każijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-infurzar f'dan il-qasam u tiżgura segwitu rapidu u effettiv għall-petizzjonijiet li jqajmu allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, fid-dawl tal-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tuża l-mezzi proċedurali u legali kollha disponibbli biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-dritt tal-UE mmirat lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal; ***----------*** ***[1a] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj).***

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja r-rilevanza strateġika li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet individwali mqajma fil-petizzjonijiet biex in-nuqqasijiet sistemiċi serji possibbli jiġu identifikati kmieni u evitati, u jqis li djalogu aktar f'waqtu u proattiv bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali huwa essenzjali għall-infurzar korrett tad-dritt tal-UE u biex jiġi indirizzat il-ksur potenzjali ddenunzjat mill-petizzjonanti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-informazzjoni li tirriżulta mill-petizzjonijiet biex itejbu l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, jidentifikaw l-ostakli rikorrenti u jikkonrtribwixxu għar-reviżjonijiet leġiżlattivi futuri, biex b'hekk jiżguraw li l-esperjenza taċ-ċittadini tikkontribwixxi direttament għat-tfassil aħjar tal-liġijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Kummissjoni biex jindirizzaw l-isfidi ta' implimentazzjoni strutturali jew persistenti identifikati permezz ta' petizzjonijiet rikorrenti, inkluż billi jsaħħu l-kapaċità amministrattiva, itejbu s-sistemi ta' monitoraġġ u jżidu l-applikazzjoni f'waqtha u korretta tad-dritt tal-UE;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Ifakkar, barra minn hekk, li r-rapport ta' rendikont tal-Kummissjoni dwar il-metodi ta' ħidma tagħha biex timmonitorja l-applikazzjoni tad-dritt tal-

	UE rrakkomanda l-istabbiliment ta' portal interattiv li jipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar l-attivitajiet ta' infurzar, u li jkun iservi wkoll bħala punt ta' aċċess għall-ilmenti, inkluż dawk imqajma tramite l-petizzjonijiet; jiddispjaċih li dan ma nkisibx għalkollox; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjattaforma ta' implimentazzjoni Europa tipprovdi, fost affarijiet oħra, informazzjoni ċara, komparabbli u aġġornata regolarment dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' regoli ewlenin tas-suq intern u dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u tintegra l-evidenza li tirriżulta mill-petizzjonijiet, li spiss jenfasizzaw problemi rikorrenti li jiffaċċjaw il-konsumaturi f'sitwazzjonijiet transfruntiera;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jirrikonoxxi t-titjib reċenti mwettqa mill-Kummissjoni fil-paġna web tagħha dwar id-deċiżjonijiet ta' ksur, inkluż l-links għall-Portal Web tal-Parlament għall-Petizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, taħdem mill-qrib mal-Parlament biex issaħħaħ l-interoperabbiltà bejn il-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament u l-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni dwar l-infurzar, sabiex jiġu żgurati konsistenza, trasparenza u effiċjenza akbar fit-trattament tal-petizzjonijiet u fis-segwitu li jingħata għalihom; jissottolinja li interoperabbiltà msaħħa bejn dawn il-pjattaformi ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-istituzzjonijiet u ssaħħaħ ir-rwol ta' sorveljanza politika u ta' skrutinju tal-Parlament fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE;

Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ilmenti li tirċievi u l-petizzjonijiet sottomessi lill-Parlament jiġu ttrattati bħala sorsi ta' informazzjoni komplementari fl-azzjonijiet ta' infurzar kontinwi tagħha; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tintegra aħjar l-evidenza mill-għodod ta' governanza tas-suq uniku, bħat-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku, SOLVIT, is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, Your Europe u Your Europe – Pariri, fis-segwitu tagħha għall-petizzjonijiet, peress li dawn il-mekkaniżmi ta' spiss jiżvelaw ostakli strutturali u rikorrenti li jiffaċċjaw iċ-ċittadini u n-negozji; jappella wkoll għall-iżvilupp ta' sistema ta' notifika awtomatizzata li tinforma lill-ilmentaturi jew lill-petizzjonanti f'ħin reali dwar kull stadju importanti fl-ipproċessar tal-fajl tagħhom;

Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-petizzjonijiet ikunu integrati b'mod sistematiku fil-proċessi ta' infurzar tagħha, inkluż, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, tramite l-interoperabbiltà sħiħa bejn il-bażi tad-data tagħha għall-petizzjonijiet u s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet THEMIS; jappella għat-tisħiħ ta' THEMIS biex tiġi ffaċilitata l-korrispondenza mal-ilmentaturi u biex tinġabar data mill-mezzi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-petizzjonijiet, u b'hekk tkun tista' tingħata ħarsa ġenerali lejn l-istatistika tal-għadd ta' petizzjonijiet li jkunu wasslu għall-ftuħ ta' każijiet fuq inizjattiva proprja, inkjesti tal-EU Pilot jew proċeduri ta' ksur, kif ukoll ikun permess it-traċċar ta' lmenti simili; jissottolinja li tali interoperabbiltà ttejjeb b'mod sinifikanti l-konsistenza u r-responsabbiltà tal-azzjonijiet ta' infurzar u ssaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE mill-Istati

Membri;

Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-użu responsabbli ta' analiżi bbażata fuq l-IA b'sorveljanza mill-bniedem biex tiġbor flimkien il-petizzjonijiet, l-ilmenti u t-twissijiet nazzjonali, ħalli tiġi permessa l-identifikazzjoni bikrija tal-ksur sistemiku u tax-xejriet rikorrenti ta' nuqqas ta' konformità;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kwistjonijiet u t-tħassib rikorrenti identifikati mill-Kumitat PETI tramite l-petizzjonijiet taċ-ċittadini jiġu inkorporati kif xieraq fil-ħidma tan-Network tad-Dritt tal-UE; iħeġġeġ lin-Network tad-Dritt tal-UE jirrapporta lura lill-Parlament dwar kif din l-evidenza bbażata fuq il-petizzjonijiet ġiet riflessa fid-diskussjonijiet tiegħu u s-segwitu mogħti;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq li l-infurzar effettiv tad-dritt tal-UE jiddependi mhux biss minn mekkaniżmi istituzzjonali robusti, iżda jiddependi wkoll mill-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti ta' monitoraġġ futuri taqsima ddedikata li tivvaluta r-rwol tal-petizzjonijiet taċ-ċittadini fit-tishiħ tal-konformità mad-dritt tal-UE;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-simplifikazzjoni tad-dritt tal-UE ***ma tridx tiġi konfuża ma' deregolamentazzjoni***; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tat-testi u l-proċeduri legali ***tista' ttejjeb iċ-ċarezza***, iċ-ċertezza legali, u l-effiċjenza amministrattiva filwaqt li ***tippreserva*** l-objettivi u l-protezzjonijiet essenzjali tal-politiki;	14. Jisħaq li s-simplifikazzjoni tad-dritt tal-UE ***hija għodda importanti fir-rigward tat-titjib tal-kompetittività tan-negozji u tas-setturi produttivi tal-ekonomija Ewropea kollha kemm hi, filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell ta' ambizzjoni tal-UE***; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tat-testi u l-proċeduri legali ***u t-tneħħija ta' pożijiet amministrattivi bla bżonn jistgħu jtejbu ċ-ċarezza***, iċ-ċertezza legali, u l-effiċjenza amministrattiva filwaqt li ***jippreservaw*** l-objettivi u l-protezzjonijiet essenzjali tal-politiki; ***jistieden lill-Kummissjoni, meta tressaq proposti ta' simplifikazzjoni, tibbaża fuq l-esperjenzi taċ-ċittadini espressi tramite l-petizzjonijiet, li spiss jenfasizzaw pożijiet amministrattivi, proċeduri mhux ċari jew inkonsistenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Parlament, inkluż il-Kumitat PETI, fi kwalunkwe simplifikazzjoni jew inizjattiva ta' "punt uniku ta' servizz" futuri;***

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	28.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 –: 4 0: 6

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

17	+
NI	Maria Zacharia
PPE	Peter Agius, Fredis Beleris, Alexander Bernhuber, Daniel Caspary, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Nicolás Pascual de la Parte
Renew	Michał Kobosko, Eugen Tomac
S&D	Sandra Gómez López, Murielle Laurent, Sandro Ruotolo, Nils Ušakovs
The Left	Damien Carême
Verts/ALE	Cristina Guarda, Ana Miranda Paz

4	-
ESN	Petras Gražulis, Marcin Sypniewski
PfE	Mireia Borrás Pabón, Juan Carlos Girauta Vidal

6	0
ECR	Paolo Inselvini, Bogdan Rzońca, Diego Solier, Ivaylo Valchev, Kosma Złotowski
PfE	Annamária Vicsek

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni